62

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviv Numru CCT 279/12/GZ

**Francis Sammut**

**vs**

**Mobisle Communications Ltd.**

Illum 17 ta' April 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-1 ta' Novembru, 2012 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' disgha u disghin Ewro (€99.00), rapprezentanti l-ammont li huwa hallas meta xtara mobile phone minghand is-socjeta' ntimata, liema 'mobile phone' kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien xtara 'mobile phone' minghand is-socjeta' ntimata ghall-prezz ta' disgha u disghin Ewro (€99.00), pero' mill-ewwel ma bediex jisma lil min kien qed icempillu u ghalhekk kien hadu lura ghand is-socjeta' ntimata, fejn qaltlu li kien hemm xi ftit trab fih u li dan it-tindif kien ser jdum xi tliet ijiem.

Wara erbgha gimghat, is-socjeta' ntimata kienet cemplet lir-rikorrent fejn informatu illi kienet ser twaqqaf il-garanzija ghaliex kienet sabet xi likwidu fil-'mobile phone'.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

It-talba tar-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi trattat fl-andament tal-kawza.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent, ezebixxa tliet (3) dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.FS1, Dok.FS2 u Dok.FS3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet rapport tekniku li gie mmarkat bhala Dok.IZY.

Illi bi qbil bejn il-partijiet, l-isem tas-socjeta' ntimata giet emendata u sostitwita bl-isem ta' 'Mobisle Communications Ltd.'

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, qed jordna lir-rikorrent jigbor il-'mobile phone' in kwistjoni minghand is-socjeta' ntimata, u b'referenza specifika ghal Dok.IZY, qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**